MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' April, 2005

Talba Numru. 648/2004

**Middle Sea Insutance plc kif surrogate fid-drittijiet tal-assikurat taghha John Cutajar**

**vs**

**Emanuel Galea**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Marzu 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, erba' mija u disghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1490.50) raprezentanti danni kagunati f'incident awtomobilistiku li sehh fit-30 ta' Ottubru 2000, fi Triq Sant' Andija, Swieqi bejn il-vettura targata EAJ 307 misjuqa mill-konvenut u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FAW 691 misjuqa minn u propjeta' tal-assikurat tas-socjeta' attrici John Cutajar u liema vettura kienet assikurata mas-socjeta' attrici taht polza tat-tip *comprehensive*.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata Ottubru 2002 u tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalement mal-Avviz a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghaxijiet skond il-ligi sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-

1. In linea preliminariy l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta.

2. Bla pregudizzju ghall-premess u fil-mertu, l-incident tat-traffiku fejn kienet involuta l-vettura numru FAM 691 assikurata mas-socjeta attrici mal-vettura EAJ 307 misjuqa mill-konvenut gara unikament bi htjia ta' Robert Cutajar li kien ix-xufier tal-vettura assikurata mas-socjeta' attrici.

3. Ghalhekk ma hemmx danni x'jigul ikwidati favur is-socjeta' attrici. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' attrici ghandha ggib il-prova tad-danni skond il-ligi.

4. Inoltre ma hemmx lok ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tad-danni favor is-socjeta' attrici.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi u bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici.

Sema' x-xhieda ta' Rosette Calafato, ta' PS 113 Emanuel Aquilina, ta' Robert Cutajar u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kolha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kawza tirrigwarda ncident stradali li sehh fit-30 ta' Ottubru 2000, f'Triq Sant'Andrija, Swieqi bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FAW 691 misjuqa minn

Robert Cutajar u assikurata taht polza tat-tip *comprehensive* mas-socjeta' attrici u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAJ 307 msijuqa mill-konvenut Emanuel Galea. F'din il-kollizzjoni kienu wkoll involuti l-vetturi bin-numru ta-registrazzjoni DAI 369 u DAB 157 izda s-sewwieqa u l-propjetarji ta' dawn iz-zewg veturi m'humiex parti f'din il-kawza.

Robert Cutajar, is-sewwieq awtorizzat mill-assikurat tas-socjeta' attrici xehed li dakinhar tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura bin- tar-registrazzjoni FAW 691 f'St. Andrews Road, Swieqi, gej mid-direzzjoni ta' Bahar ic-Caghaq u sejjer lejn l-Imsida. Huwa kien qed isuq fil-lane tal-lemin u kien ghadu ftit il-boghod mit-*traffic lights* li jaghtu ghal Paceville meta ra l-vann misjuq mill-konvenut. Il-konvenut deher li kien tilef il-kontroll tal-vettura teighu u l-ewwel habat mal-hajt man-naha tax-xellug tieghu u mbaghad bid-daqqa il-vettura tieghu daret il-barra, u cioe' lejn il-lemin, u habtet mal-vettura ta' Roert Cutajar. Dan tal-ahhar jispjega li l-vettura tieghu kellha hafna hsara fil-faccata ta' quddiem u fil-fatt giet dikjarata *beyond economical repair*. Cutajar isostni li huwa kien qed isuq b'velocita' ta' madwar 30 kilometru fis-siegha u jghid li ma kellux cans jiehu *evasive action* meta ra l-vettura tal-konvenut ser tolqot il-vettura tieghu u dan peress li ghaddew biss ftit sekondi minn meta l-konvenut tilef il-kontroll tal-vettura tieghu, habat mal-hajt, hareg il-barra lejn il-lemin u mbaghad dahal fil-vettura tieghu.

Il-konvenut xehed li fid-data tal-incident huwa kien qed isuq il-vann bin-numru tar-registrazzjoni EAJ 307 f'St'Andrews Road gej mid-direzzjoni ta' Bahar ic-Caghaq u sejjer lejn San Giljan. Huwa jghid li kien qed isuq man-naha tax-xellug tat-triq peress li ried jigbed lejn Paceville. L-art kienet imxarrba peress li dakinhar kienet ghamlet ix-xita u fit-triq kien hemm vetturi ohra imbeghda minnu. Meta kien wasal madwar mitejn metro (200m) l-boghod mit-*traffic lights* i-vann msijuq mill-konvenut skiddja minhabba l-art imxarrba, dar lejn ix-xellug u dahal fil-hajt man-naha tax-xellug tal-konvenut. Meta l-vettura tieghu kienet mahbuta mal-hajt habtet mieghu minn wara l-vettura misjuqa minn Cutajar u peress li din il-vettura

laqtitu bis-sahha il-vann tieghu dar il-barra lejn il-lemin. Il-konvneut ma jaqbilx mal-posizzjoni tal-vetturi kif murija fl-iskizz ghaliex isostni li l-vann tieghu kien aktar angolat lejn ix-xellug u l-vettura ta’ Cutajar kellha hsara fil-*windscreen* u mhux kif indikata fl-iskizz. Huwa jghid ukoll li qabel skiddja kien qed isuq b’velocita’ ta’ bejn 20 u 25 kilometru fis-siegha.

Il-konvenut permezz tal-ewwel eccezzjoni tieghu eccepixxa l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 izda mill-provi rrizulta li l-perijodu ta’ preskrizzjoni gie interrott permezz tal-ittra ufficjali tat-8 ta’ Ottubru 2002 (a fol. 16 tal-process) u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut ser tigi michuda.
Kif jirrizulta mill-verzjonijiet taz-zewg sewwieqa kif riportati aktar il-fuq huma m’humiex qeghdin jaqblu dwar id-dimamika tal-incident. Il-konvenut isostni li huwa kien wieqaf u mahbut mal-hajt meta dahlet fih minn wara l-vettura misjuqa minn Robert Cutajar filwaqt li dan tal-ahhar isostni li huwa kien qed jipprocedi fuq l-*outer lane* meta ra l-vettura tal-konvenut tiskiddja,tahbat mal-hajt man-naha tax-xellug u bid-daqqa iddur lejn il-lemin u timblukkalu l;-karreggjata. Fil-fehma tat-Tribunal il-kontenut tal-sikizz jikkorobora t-tezi ta Cutajar. Mill-iskizz (esebit a fol. 34 tal-process) jirrizulta li l-vettura ta’ Cutajar qeda fuq l-*outer lane* u jidher ukoll li hemm distanza sotanzjali bejn l-*ispot of impact* fejn il-vann misjuq mill-konvenut habat mal-hajt u l-posizzjoni fejn eventwalment spicca. Dawn il-fatti jikkoroboraw il-verzjoni moghtija minn Cutajar ghaliex kieku wiehed kellu jemmen il-verzjoni moghtija mill-konvenut il-vettura ta’ Cutajar kienet tkun fuq l-inner lane u mhux fuq l-outer lane u l-vann tal-konvenut kien ikun aktar vicin tal-post fejn habit mal-hajt.

Jidher ghalhekk li l-kawza prossima tal-incident kien il-fatt li l-vann tal-konvenut skiddja u habat mal-hajt, bid-daqqa spicca angolat lejn il-lemin biex b’hekk ostakola l-karregjata li fiha kien qed jipprocedi Robert Cutajar li kien qed isuq il-vettura assikurata mas-socjeta’ attrici. Il-konvenut kien ghalhekk unkament responsabbli ghall-incident awtomoblistiku mertu tal-kawza.

Il-quantum tad-danni ma gie xkontestat mill-konvenut u fi kwalunkwe kaz is-socjeta’ attrici resqet provi soddisfacenti in sostenn tat-talba taghha fir-rigward,

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, erba’ mija u disghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1490.50). bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza, nkluzi dawk tal--ittra ufficjali datata Ottubru 2002 u tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalement mal-Avviz a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghandhom jigu sopoortati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------